TRIBUNAL GĦAT-TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/238/11/S

Rachel Formosa

Vs

Silvio Gruppetta

Illum 6 ta' Frar, 2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Rachel Formosa datata 25 ta' Mejju, 2011 u r-risposta ta' Silvio Gruppetta (Malta Institute of Computer Sciences) datata 30 ta' Settembru, 2011;

Ra d-dokumenti ppreżentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni tagħhom magħmula fl-20 ta' Jannar, 2012;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda kors li nbidel waqt li kien għaddej;

Illi r-rikorrenti tikkontendi li kienet ġja lestiet nofs il-kors oriġinali u għalhekk ma kelliex għażla ħlief li tkompli l-kors il-ġdid;

Illi jista' jkun li l-istitut intimat kaxkar saqajh però gjaladarba il-kors u d-diploma jiġu mogħtija minn barra, l-istitut intimat kellu biss jattwa dik id-deċiżjoni meħuda minn barra mill-iktar fis;

Illi min-naħa l-oħra jidher ċar li kull student għandu l-bżonnijiet tiegħu li jvarjaw minn persuna għal persuna;

Illi min qiegħed fil-kamp edukattiv għandu jżomm dan dejjem bħala prijorita f'xogħolu;

Illi kwalsiasi komunikazzjoni li se tolqot lil xi student anki jekk meħuda minn barra, kellha u għandha tiġi kkomunikata mal-ewwel lill-istudent li se taffettwa u konsegwentement, jingħata għażla x'jagħmel;

Illi jekk irriżenja l-għalliem li kien se jagħmel l-aħħar 'module' tal-kors l-antik kif allegat mill-intimat istitut, dan żgur ma kienx tort ir-rikorrenti !;

Illi dokument importanti li ġie ppreżentat hu ittra datata 16 ta' Frar, 2011 u mibgħuta minn Arthur Micallef (Assistent Direttur fid-Direttorat għal Kwalita u Standards fl-Edukazzjoni fil-Ministeru tal-Edukazzjoni lil Robert J. Mifsud li kien imexxi l-Malta Institute of Computer Sciences;

Illi dan it-Tribunal jagħmel tiegħu il-punti imsemmija fl-ittra bħala konklużjonijiet tiegħu;

TRIBUNAL GHAT-TALBIET TAL-KONSUMATURI

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jilqa' in parte it-talba tar-rikorrenti Rachel Formosa u Jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat Silvio Gruppetta filwaqt li Jordna lil Silvio Gruppetta jħallas lil Rachel Formosa s-somma ta' €600 stabbilita *ex aequo et bono*, b'kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru